# X'tagħmel f'dawn is-sitwazzjonijiet?

Ms.Rebecca Falzon

Ms.Rebecca Falzon



- Tkun l-iskola u tara tifel qed jiġi ‘bullied’.

Ms.Rebecca Falzon




- Tara tifel waħdu qed jibki waqt li int qed tilgħab ma' sħabek. Taf li ġie mwarrab għax ma kienx jimxi sew ma' sħabu.




Ms.Rebecca Falzon

- Kellkom ħarġa tal-iskola. Dakinhar ħallewkom iġġibu ċikkulata magħkom iżda sieħbek m'għandux.

Ms.Rebecca Falzon



- Il-ħabiba qiegħda l-isptar u ma tistax tiġi l-iskola għal ftit żmien.

- Karta ta’ taħriġ

Ms.Rebecca Falzon

- Storja A: Marta minn dejjem kienet tħobb l-annimali iżda kienet tibża’ ħafna mill-klieb. Ġurnata fost l-oħrajn meta kienet sejra l-mużew Marta semgħet kelb jikrob. Indunat li kien hemm kelb muġugħ għax kienet tajritu karozza u ħallewh hemm. Marta ma kinitx taf x’ser taqbad tagħmel. Id-dar kienet taf li ma setgħux iżommuh għax ma kellhomx ħin u flus biżżejjed biex jieħdu ħsieb ta’ annimali. Marta xorta ħennet għalih u minkejja li kienet tibża’ minnu, marret issejjaħ għall-għajnuna.

- **X’tista’ tagħmel iżjed Marta minkejja li ma tistax iżżommu d-dar?**

- Storja B: Selenia flimkien m'ommha qabdu l-karozza tal-linja biex imorru għall-festin tal-kuġina. Malli telgħu, l-omm qalet lil Selenia biex tpoġġi bilqiegħda u ma tqum għal ħadd, għax ma riditiex tpoġġi fuqha u tkemxilha l-libsa. Telgħu ħafna nies u wara ftit tal-linja kienet imtliet. Iżda fil-qrib Selenia lemħet anzjana mgħawġa ganċ li miskina bilkemm setgħet iżżomm bilwieqfa waqt li x-xufier kien qed isuq. Ommha ma ndunatx. Selenia ftakret f'dak li qaltilha ommmha imma demmha ma tahiex.

- **Kieku inti minflok Selenia x’tagħmel? Għaliex?**